Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0100

Il-protezzjoni tal-lupu (Canis lupus)

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2025 dwar il-proposta għad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta’ protezzjoni tal-lupu (Canis lupus) (COM(2025)0106 – C10-0044/2025 – 2025/0058(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0106),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0044/2025),

 wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

 wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-30 ta’ April 2025[1],

 wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 170 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali

P10_TC1-COD(2025)0058

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Mejju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (*Canis lupus*)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2025/1237.)